IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 15.6.2010
SEG(2010) 742 finali

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fid-Danimarka

OPINJONI TAL-KUMMISSJONI

dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv fid-Danimarka

L-APPLIKAZZJONI TAL-PATT TA' STABBILTÀ U TKABBIR FIL-QAGĦDA TA' KRIŻI ATTWALI

1. Ħafna pajjiżi tal-UE bħalissa qegħdin jiffaċċjaw defiċit tal-amministrazzjoni pubblika akbar mill-valur referenzjali ta' 3 % tal-PGD stabbilit mit-Trattat. Id-deterjorament ta' spiss qawwi fid-defiċit kif ukoll il-pożizzjonijiet tad-dejn għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja u t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku globali bla preċedent fl-2008/09. Hemm bosta fatturi involuti. L-ewwel nett, it-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku jġib miegħu inqas dħul mit-taxxi u iktar infiq għall-benefiċċji soċjali (pereżempju, benefiċċji tal-qgħad). It-tieni, waqt li tirrikonoxxi li l-politiki baġitarji taqdi rwol importanti fis-sitwazzjoni ekonomika straordinarja attwali, il-Kummissjoni għamlet sejħa għal stimulu fiskali fil-Pjan Ewropew ta' Rkupru Ekonomiku (PERE) tagħha ta' Novembru 2008, approvat mill-Kunsill Ewropew f'Diċembru. Il-Pjan spjega li l-istimulu għandu jkun f'waqtu, immirat u temporanju u ddifferenzjat fl-Istati Membri kollha biex jirrifletti l-pożizzjonijiet differenti tagħhom f'termini ta' sostenibbiltà u kompetittività tal-finanzi pubbliċi u għandu jitreġġa' lura ladarba l-kundizzjonijiet ekonomiċi jitjiebu. Fl-aħħar nett, diversi pajjiżi ħadu miżuri biex jistabbilizzaw is-settur finanzjarju, u xi wħud minnhom kellhom impatt fuq il-pożizzjoni tad-dejn jew jikkostitwixxu riskju ta' żieda fid-defiċits u fid-dejn fil-ġejjieni, għalkemm xi wħud mill-ispejjeż tas-sostenn tal-gvern jistgħu jiġu rkuprati fil-ġejjieni.

2. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jirrikjedi li l-Kummissjoni tagħti bidu għall-proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE) kull meta d-defiċit ta' Stat Membru jaqbeż il-valur referenzjali ta' 3 % tal-PGD. L-emendi għall-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir fl-2005 kellhom l-għan li jiżguraw li l-isfond ekonomiku u baġitarju, b'mod partikolari, jiġi kkunsidrat bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-PŻE. B'dan il-mod, il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jipprovdi l-qafas li jsostni l-politiki tal-gvern għal ritorn ta' malajr lejn pożizzjonijiet baġitarji b'saħħithom billi titqies is-sitwazzjoni ekonomika, u għalhekk tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi fit-tul.

L-ISFOND LEGALI

3. L-Artikolu 126 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jistipula proċedura ta' żbilanċ eċċessiv (PŻE). Din il-proċedura hija speċifikata aktar fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 "dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv"[1], li huwa parti mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir.

[1] ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6. Ir-rapport iqis ukoll "L-ispeċifikazzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u l-linji gwida dwar il-format u l-kontenut ta' programmi ta' stabbiltà u konverġenza", approvati mill-Kunsill ECOFIN tal-10 ta' Novembru 2009, li huwa disponibbli fuq http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/legal_texts/index_en.htm.

4. Skont l-Artikolu 126(2) tat-Trattat, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-konformità mad-dixxiplina baġitarja fuq il-bażi ta' żewġ kriterji, li huma: (a) jekk il-proporzjon tad-defiċit ippjanat tal-gvern, jew dak attwali, mal-prodott gross domestiku (PGD) jaqbiżx il-valur referenzjali ta' 3 % (sakemm il-proporzjon ma jkunx naqas sostanzjalment u kontinwament, u jkun laħaq livell qrib il-valur ta' referenza; jew, inkella, l-eċċess fuq il-valur ta' referenza jkun biss wieħed eċċezzjonali u temporanju u l-proporzjon jibqa' qrib il-valur ta' referenza); u (b) jekk il-proporzjon tad-dejn tal-gvern mal-PDG jaqbiżx il-valur ta' referenza ta' 60 % (sakemm il-proporzjon ma jkunx qiegħed jonqos b'mod suffiċjenti u jersaq lejn il-valur ta' referenza b'ritmu sodisfaċenti).

5. L-Artikolu 126(3) tat-Trattat jistipula li, jekk Stat Membru ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' kriterju wieħed jew aktar, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport. Dan ir-rapport għandu "jqis ukoll jekk id-dejn tal-gvern ikunx jeċċedi n-nefqa tal-gvern f'investiment u jqis il-fatturi l-oħra kollha rilevanti, inkluża l-pożizzjoni ekonomika u tal-estimi għall-futur medju tal-Istat Membru".

6. Abbażi tad-dejta notifikata mill-awtoritajiet Daniżi f'April 2010[2] u meta jitqies it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010, il-Kummissjoni adottat rapport skont l-Artikolu 126(3) għad-Danimarka fts-12 ta' Mejju 2010[3].

7. Sussegwentement, u skont l-Artikolu 126(4) tat-Trattat, il-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju fassal opinjoni dwar ir-rapport tal-Kummissjoni fis-[27 ta' Mejju 2010].

8. L-Artikolu 126(5) tat-Trattat jitlob li l-Kummissjoni tindirizza opinjoni lill-Kunsill jekk il-Kummissjoni tqis li jeżisti jew li jista' jkun hemm defiċit eċċessiv fi Stat Membru. Sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar jekk jeżistix jew jistax ikun hemm defiċit eċċessiv, il-Kummissjoni tikkunsidra li għandhom jitqiesu: (i) il-konklużjonijiet tar-rapport tagħha skont l-Artikolu 126(3) u (ii) l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju dwar dan ir-rapport. Abbażi ta' dawn l-elementi, il-Kummissjoni stabbiliet numru ta' kunsiderazzjonijiet għad-Danimarka.

KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR ID-DANIMARKA

9. Skont id-dejta notifikata mill-awtoritajiet Daniżi f'April 2010, id-defiċit tal-gvern ġenerali fid-Danimarka huwa ppjanat li jilħaq il-5,4 % tal-PGD fl-2010, u b'hekk jaqbeż il-valur referenzjali ta' 3 % tal-PGD. Ir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 126(3) qies li d-defiċit ippjanat ma kienx qrib il-valur referenzjali ta' 3 % tal-PGD iżda li l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza jkun jista' jiġi kkwalifikat bħala eċċezzjonali fit-tifsira tat-Trattat u l-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. B'mod partikolari, dan irriżulta minn tnaqqis fir-ritmu ekonomiku gravi skont it-tifsira tat-Trattat u tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir. Skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010, il-PGD reali fid-Danimarka huwa mistenni li jirkupra b'1,6 % fl-2010 wara tnaqqis f'daqqa ta' 4,9 % fl-2009. Id-defiċit fl-2010 huwa konsegwenza

---

[2] Skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009, l-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni, darbtejn fis-sena, il-livelli ppjanati u attwali tad-dejn u tad-defiċit tal-gvern tagħhom. L-aħħar notifika tad-Danimarka tinstab fuq: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/government_finance_statistics/excessive_deficit/edp_notification_tables.

[3] Id-dokumenti kollha relatati mal-PŻE għad-Danimarka jinsabu fuq il-websajt li ġejja: http://ec.europa.eu/economy_finance/sgp/deficit/countries/index_en.htm.

kemm tat-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku u anki tal-miżuri ta' stimulu meħuda skont il-PERE mill-awtoritajiet Daniżi. Madankollu, l-eċċess ippjanat fuq il-valur ta' referenza ma jistax jitqies bħala temporanju. Skont it-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010, id-defiċit għandu jonqos għal 4,9 % tal-PGD fl-2011 fuq bażi tal-ebda bidla fil-politika[4]. Il-kriterju tad-defiċit fit-Trattat mhuwiex sodisfat.

10. Skont dejta notifikata mill-awtoritajiet Daniżi f'April 2010, id-dejn gross tal-amministrazzjoni pubblika huwa ta' 45,1 % tal-PGD fl-2010. It-tbassir tas-servizzi tal-Kummissjoni tar-rebbiegħa 2010 jipprevedi li l-proporzjon tad-dejn jiżdied matul il-perjodu 2010-2011 minn 46 % għal 49,5 % tal-PGD, iżda li jibqa' taħt il-valur ta' referenza ta' 60 % tal-PGD. Il-kriterju tad-dejn fit-Trattat huwa sodisfat.

11. B'konformità mad-dispożizzjonijiet fit-Trattat u fil-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, fir-rapport tagħha l-Kummissjoni analizzat ukoll il-"fatturi rilevanti". Skont il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, dawn jistgħu jitqiesu biss fl-istadji li jwasslu għad-deċizjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv jekk id-defiċit jissodisfa l-kundizzjoni doppja ta' qrubija u ta' temporanjetà. Fil-każ tad-Danimarka, il-kundizzjoni doppja mhix sodisfatta. Meqjusa fuq il-mertu tagħhom innifishom, il-fatturi rilevanti fil-każ attwali jidhru li huma relattivament favorevoli.

12. L-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju skont l-Artikolu 126(4) tat-Trattat hija konsistenti mal-valutazzjoni fir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 126(3).

KONKLUŻJONI

Il-monitoraġġ tal-qagħda baġitarja fid-Danimarka u, b'mod partikolari, l-eżami tal-konformità mal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 126(2) wasslu lill-Kummissjoni biex tħejji rapport b'konformità mal-Artikolu 126(3) tat-Trattat. Il-Kummissjoni, filwaqt li qieset ir-rapport tagħha u l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju, hija tal-fehma li jeżisti defiċit eċċessiv fid-Danimarka.

[4] It-tbassir tal-ebda bidla fil-politika jieħu in konsiderazzjoni l-irtirar (parzjali) ta' miżuri ta' natura straordinarja marbuta mal-kriżi.